**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum l-10 ta' Diċembru, 2024**

**Rikors numru: 51/2024/CV**

**Hermann Paul Farrugia**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

*Sinjur/a,*

*Nixtieq nirreferi ghan-Notifika ta' Infurzar Referenza: BCA/ENF08/0008/2024 Referenza tal-PA: PA/477/23 Data 13 ta' Awissu 2024 Ticket#2024072371000623] Avviz ta' infurzar - PA/00477/23 - Vacant Site, Triq il-Wied ta' Ruman, Selmun, Mellieha u li intbaghtitli lbierah 13 ta'Awwissu 2024 bhala Site Manager tal-izvilupp in kwestjoni.*

***Permezz tad-Disposizzjonijiet statutorji rilevanti u kif indikat fl-imsemmija notifika qieghed hawnhekk nappella biex jigi kkunsidrat null u irtirat dan l-istess Avviz ta' Infurzar a bazi tal-kunsiderazzjonijiet u kjarifiki hawn taht elenkati:***

A) *Mid-data tal-15 ta' Gunju 2024 ,minhabba l-interruzzjoni tal-Izvilupp imposta f'zonijiet turistici fil-perijodu Estiv, ebda xoghlijiet ma sehhew fuq is-sit u liema xoghol mid-data tal-*

*Commencement Notice kien lahaq ikkonsista biss fid-drilling ta' Piles u l-mili u ssigillar taghhom definittiv mat-truf tal-perimetru specifikament fuq in-naha talkontigwita' tal-binjiet ezistenti fuq il-genb u fuq wara tas-sit .*

*In-nahat tal-perimetru li ghandhom possibilita ta' access mill-pubbliku gew darbtejn issigillati permezz ta' 2 strutturi kontigwi tas-siment fuq ix-xellug u mal-bqija tal-faccata l-access imbarrat minn haddiema tal-Kuntrattur permezz ta' immuntar ta' xbieki tal-hadid li twasslu sal-hajt divizorju tal-Izvilupp li qed isehh fuq in-naha tal-lemin tal-istess sit .*

*B) Kif indikat fid-dokument anness ma' dan l-appell, il-kumpanija ALDB & Associates , u li giet inkarigata minni sabiex tipprovdi s-servizzi u l-verifika tal-istandards tal-Occupational Health & Safety ghal dal-izvilupp, ghamlet mhux anqas minn hames (5) site-visits/spezzjonijiet tul ix-xahar ta' Gunju tnejn minnhom sahansitra wara li kien gie interrott ix-xoghol kollu fuq is-sit fil-15 ta' Gunju li ghadda u rilevanti nikkonferma li qatt ma gie innotat jew irrappurtat lili xi nuqqas partikulari inkluz dak ta' sitwazzjoni ta' periklu lil terzi kif allegat li seta' jirrizulta wara spezzjoni mill- Enforcement Section tal-BCA li saret it-Tnejn 12 ta' Awwissu 2024.*

*C)Apparti l-mertu tal-punti ta' spjega fattwali msemmija aktar 'il fuq, jirrizulta wkoll li bil-forma uzata fin-notifika ufficcjali fejn giet specifikata n-natura tal-allegat nuqqas ta' prekawzjoni da parte tieghi bhala Site Manager , lakkuza proprja ma tistax tigi mefhuma li tregi sahansitra fl-interpretazzjoni lingwistika taghha ghax fiha nnifisha ma talludi ghal ebda nuqqas specifiku, anzi sewwasew proprju l-kuntrarju. Hawnhekk nitlob li nithalla nikkwota direttament mill-ittra ta' Notifika ta' Infurzar li ircevejt mill-Enforcement BCA u naccenna ghal dal-paragrafu principali li jidentifika u jiddeskrivi tali allegat nuqqas:*

*"Peres illi Fit-12 ta' Awwissu 2024 kif ukoll fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, sar xogħol ta' kostruzzjoni li mhux konformi mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, senjatament minħabba li* ***inqast li taghmel Xtiebi inadegwati u li ma jimblukkawx l-aċċess għall-pubbliku inkluż tfal.:***

*Nirringrazzjak bil-quddiem tal-attenzjoni f'waqtha li sejra indubjament tingħata lill-punti ta' kjarifika li ressaqt tramite dan l-appell.*

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi dak allegat mil-appellanti f'punti B u Ċ, filwaqt li jindika li saret spezzjoni mil-naħa ta' Saħħa u Sigurta', pero' naqas li jippreżenta r-rapporti magħmula;

3. Illi fid-data tal-ispezzjoni mil-Awtorita', hekk kif jidher mir-ritratti, annessi u mmarkati bħala Dok A, jidher ċar li ma kienx hemm xibka adegwata biex tagħlaq l-aċċess għas-sit;

4. Illi fejn xi tratta il-kliem tal-infrazzjoni, jidher `ar li dan huma każ ta' lapsus calami, u allura tali ma għandux jittratta n-nullita'.

5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra li permezz ta' digriet ta' nhar il-15 ta' Ottubru, 2024, it-Tribunal laqa' t-talba għas-sospensjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorita' ta' nhar it-13 ta' Awwissu, 2024 u ordna lill-Awtorita' intimata sabiex l-ordni in kwistjoni tiġi sospiża b'mod proviżorju pendenti l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jikkonċerna penali amministrattiva maħruġa fil-konfront tal-appellant bħala l-maniġer tas-sit ta' kostruzzjoni ġewwa Triq il-Wied ta' Ruman, Selmun, Mellieħa u kif ukoll il-waqfien tax-xogħlijiet fuq is-sit. Il-bażi tal-avviż hija "*Peress illi Fit-12 ta' Awwissu 2024*

*kif ukoll fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, sar xogħol ta' kostruzzjoni li mhux konformi mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, senjatament minħabba li* ***inqast li taghmel Xtiebi inadegwati u li ma jimblukkawx l-aċċess għall-pubbliku inkluż tfal.***" u dan kif jirriżulta mill-Avviż maħruġ mill-Awtorita' intimata nhar it-13 ta' Awwissu, 2024.

It-Tribunal jinnota li l-appellant xehed b'mod estensiv dwar din il-kwistjoni fejn in suċċint huwa jgħid li kien ingaġġa soċjeta' sabiex jara li s-sit ikun adegwat bil-miżuri kollha ta' saħħa u sigurta'. Bħala prova ta' dan huwa preżenta għadd ta' rapport maħruġa mill-istess soċjeta' li jindikaw l-miżuri li kienu qegħdin jittieħdu. Minn ħarsa lejn dawn ir-rapport jirriżulta b'mod ċar li tul il-perjodu tax-xogħlijiet, kien hemm numru ta' miżuri li kienu qegħdin jiġu implimentati. Huwa jikkonferma ukoll li l-konsulenti ingaġġati kienu qegħdin jagħmlu numru ta' spezzjonijiet tul ix-xhur tas-sajf. Minkejja dan huwa kkonferma ukoll li tul ix-xahar ta' Awwissu hu ma kienx jattendi personalment fuq is-sit. In fatti huwa jikkonferma li kien jistrieħ fuq dak li kienu jgħidulu l-konsulenti.

L-Awtorita' ħarket lil Jake Caruana li xehed dwar il-każ in kwistjoni. Huwa kkonferma li kien għamel numru ta' interventi sabiex l-ixtiebi ikunu adegwati u skont il-liġi u kien biss wara li saru dawn l-inteventi li nħarġet l-multa in kwistjoni. Dan wara li rriżultalu li din ma kinitx fi stat aċċettabbli. Huwa kkonferma li wara li nħarġet il-multa in kwistjoni, l-xtiebi kienu saru kif mitlub. Jake Caruana jgħid:

*Xhud: Ifhimni, fil-verità, meta kont qed immur jiena, is-site ma kienetx qed tkun bħal speċi magħluqa jiġifieri waqt li kien qed isir il-piles, dawn ovvjament, ma kien hemm l-ebda hoarding jew il-hoarding ma kienx adekwat allura tiġi ovvjament li ma kienx hemm ilqugħ.*

Mir-ritratti esebiti mill-Awtorita' jidher biċ-ċar ukoll li xtiebi kien hemm iżda l-problema jirriżulta li kienet li dawn ma kienux jagħlqu l-aċċess b'mod komplut.

It-Tribunal qed jipproduċi artikolu 6 mit-Tieni Skeda tal-Avviż Legali 340 tal-2022 li jistipula l-mod ta' kif għandhom jinbnew il-barrikati:

> *6. Il-klijent għandu jtella' barrikati tal-injam jew metall jew bricks jew barrikati ta' materjal simili, mgħaqqad b'tajn bil-bażi ta' siment meta jkun qiegħed jagħlaq sit*

*ta' skavar b'tali mod li jimblokka l-entratura u jipprevjeni l-aċċess lil persuni mhux awtorizzati u li:*

*(a) il-barrikati għandhom jinbnew sabiex jifilħu għal kwalunkwe impatt estern u b'għoli ta' mhux inqas minn żewġ (2) metri bejn is-sit u l-passaġġ pubbliku jew sabiex jimblokkaw kompletament in-naħat miftuħa tas-sit ta' kostruzzjoni u dan sabiex jipproteġu l-pubbliku u l-propjetà mobbli jew immobbli ta' terzi;*

*(b) il-barrikati għandu jkollhom wiċċ lixx fin-naħat li jħarsu lejn il-passaġġ pubbliku u ma jkollhom l-ebda ftuħ, ħlief dawk meħtieġa għal aċċess awtorizzat;*

*(ċ) ftuħ għal aċċess fil-barrikati għandhom jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet u magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit, u għandhom jibqgħu jinżammu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon tal-Awtorità. Dawn ix-xatbiet għandhom ikunu ddiżinjati b'mod li jipprevjenu l-aċċess pubbliku, speċjalment għat-tfal;*

*(d) ix-xatbiet kollha għal aċċess fis-sit użati minn makkinarju għandu jkollhom dwal ta' twissija li jiġu mixgħula waqt id-dħul u l-ħruġ ta' tali makkinarju jew banksmen sabiex javżaw lis-sewwieqa jew lill-pubbliku ġenerali waqt il-passaġġ ta' makkinarju*

It-Tribunal iqis li minkejja li l-appellant kellu sistema u ingaġġa konsulenti sabiex jindirizza kwistjonijiet ta' saħħa u sigurta', mir-ritratti esebiti jirriżulta b'mod ċar li dakinhar li nħarġet il-multa in kwistjoni, dawn il-barrikati kellhom numru ta' nuqqasijiet. L-appellant jidher li kien qed jikkoopera u jindirizza l-kwistjonijiet li kienu qed jiġu mqajjma mill-Awtorita' iżda l-imsemmija barrikati baqgħu ma ġewx indirizzati b'mod komplut. Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell u jsib lill-appellant responsabbli li naqas milli jinstalla barrikati li huma adegwati. It-Tribunal jinnota li l-Awtorita' imponiet il-minimu possibli tal-ammont tal-multa applikabbli għal dan in-nuqqas, liema deċiżjoni t-Tribunal iqis li hija ġustifikata in vista' tal-kooperazzjoni sħiħa da parti tal-appellant.

**Decide**

**Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell iżda in vista' li x-xogħlijiet mitluba fuq il-barrikati seħħew wara li nħareġ l-avviż ta' nhar it-13 ta' Awwissu, 2024, filwaqt li jikkonferma l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500), qiegħed jirrevoka l-ordni li permezz tagħha waqfet l-iżvilupp fis-sit li jinsab fi Triq il-Wied ta' Ruman, Selmun, Mellieħa.**

*********************VERU KOPJA TAL-ORIGINAL *********************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |